MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 590/2012

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**S.H. Catering Ltd (C34725) u Noor Zia K.I. 28968(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€738.88) dovuta mill-konvenuti, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C400100919* moghtija mis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitoli li gew ipprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li kemm is-socjeta` konvenuta S.H. Catering Ltd u wkoll il-konvenuta Noor Zia naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduhom, u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€738.88), bl-imghax legali dekorribbli mit-23 t'Awwissu 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma in solidum a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------